## Qabel il-Gwerra...

# Ix-Xena Bormliża

Kitba ta' Charles Clews

Għalkemm tajjeb jew ħażin, skond kif tifhimha, il-kitba tiegħi hija dejjem imnaqqxa bin-nostalġija, iżda xi ħadd sabni u qalli 'Ara għandekx ħila tagħtina daqsxejn ta' stampa dwar kif kienet Bormla qabel il-Gwerra'. Naturalment il-gwerra (tal-1939 - 1945), għax fil-Gwerra l-Kbira Numru 1, jien kont għadni l-anqas twelidt, anzi twelidt ftit wara li spiċċat, fl-Anno Domini 1919.

Intant, l-Ingliżi jgħidu li '*the customer is always right*', il-klijent dejjem għandu raġun, u allura naraw x'niftakru minn dak iż-żmien?

Nibdew minn l-Istrina, l-ewwel ta' Jannar, meta l-Istrina kienet għadha tingħata fl-Istrina , mhux fil-Milied bħal-lum. Kont tara tfal jiġru minn hemm għal hemm, ifittxu xi ziju jew zija, jew xi qarib ħalli jagħtihom xi sikspens, jew anke inqas (2ċ 4mls).

Il-ħwienet kienu għadhom jifthu anke fil-Ħdud u festi, u tax-xorb kont għadek issibhom armati għall-Milied, b'xi ħaxix, xi karti, u anke xi nofs tużżana larinġ imdendlin. Il-ħwienet tad-dulċiera iva kienu jkunu mħabbtin: kulħadd milli jista' jagħti dak is-souffle mingħand Spiru l-Beċċun, tar-Rina jew is-Sluta. Mhux il-**gateau** jew Black Forest, Fruit Flan, jew xi Charlotte tal-lum, imma xi soufflè tal-krema - pane di spanja u krema tal-vanilla u ċikkulata.

U xi nofs tużżana pasti, li tmur tħallashom u jibgħathomlok id-dar mal-lavrant. Imbagħad il-ħajja ta' kuljum, bis-suq dejjem mimli bin-nies, il-kummerċ għaddej dejjem. U naslu għall-Karnival, u hemm insibu lil Pawlu Cannavò, b'xi kostum oriġinali, bħal meta ħareġ bil-Lampi ta' kull daqs u ta' kull għamla, li kien skanta lil kulħadd bihom. Xi kostum bħal tal-każin. Iż-Ziegfield Follies, ta' Pawlu Flask, imitazzjoni mill-film ta' l-istess isem, li kien ġibed min jaf kemm nies lejn ir-Rialto Cinema. Għadd ta' ġuvintur ukoll ma' Żużu Pavia, li bix-xejn kien joħloq kostum, bħall-'Baħrin tal-Karnival', li kien sewa kollox (il-kostum) xelin u disa' soldi (inqas minn 10 ċenteżmi) - qmis, qalziet u beritta ta' baħri u lest. Iż-żifna? Idea fuq fuq, u mproviżawha fil-Pjazza tal-Main Guard, u meta taparsi bdew jikinsu d-deck, fgaw lil kulħadd bit-trab u ħarġuhom jiġru jiġru mill-Pjazza Main Guard.

Iżda n-nies kienu jieħdu pjaċir, jaraw il-kostumi jippreparaw, għall-isfilata, fis-Suq, u meta jiġu lura mill-Belt jagħtu l-famuża danza. U r-Realto maħnuq bil-ballijiet, mid-9.00a.m. sas-6.00p.m. u wara mid-9.00p.m. sat-3.00a.m., u t-Tlieta biss sa nofs il-lejl.

U għaddej dejjem bil-films, u l-Ħadd bil-matinée: suppost fis-sagħtejn, imma jekk

jimtela qabel (ikun xi film gwapp) jibda, u kif jispiċċa jerġa' jdawwar l-istess film - u jerġa' jimla - basta li jispiċċa qabel ix-show tas-6.30p.m.

U niġu għall-Ġimgħa l-Kbira, allura. Bosta kienu jieħdu parti, u jaħsbu minn qabel, bħal issa, iżda kont tara ħaġa dak iż-żmien. Fl-eżerċizzi spiritwali, il-ħwienet kienu kollha jagħlqu waqt il-priedki, u oħra, fil-kunċert ġenerali tal-marċi funebri, il-barklori kollha kont issibhom quddiem il-każin tal-banda, ħalli jisimgħuhom, forsi, kif qalli darba Ġuże ta' Ġwann, għax fil-proċessjoni kienu jkunu jaħdmu. Il-proċessjoni, mbagħad, kulħadd igawdiha, għax min għandu tifel, raġel, ħuħ jakkumpanja, imur u jgawdu l-marċi li għalihom il-banda San Ġorġ minn dejjem kienet famuża, ta' Melilli, Miruzzi e bella compania.

U l-Irxoxt! Dak iż-żmien il-Glorja kienet tindaqq is-Sibt filgħodu u allura ferneżija fil-knisja ħalli jitneħħa l-għata vjola minn fuq l-artali kollha, mad-daqq tal-Glorja. Xi rġiel jiġru jqaċċtu l-fjuri ta' madwar il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, ħalli jieħduhom lejn id-dar, jitfgħuhom fi fliskatur bl-ilma, u b'dak l-ilma issa 'mbierek', jaħslu wiċċ it-tfal żgħar li jkollhom. U mal-ewwel tokk tal-Glorja, bosta żgħażagħ jaqbżu 'l baħar, spiss kiesaħ silġ, fix-Xatt ta' Bormla.

Imbagħad il-Ħadd filgħodu mat-tlieta u nofs, jibda jinstema' t-tambur u l-fifra, u żgur hemm issib lil Broġju u Ġużeppi ż-Żorba. Iz-ziju tal-mara Ġużeppi kien qalli, li kienu jiftehmu mal-pulizija tal-għassa, ħalli jmorru jqajmuhom. Hu, qalli, kien ikun diġà lest bit-tambur. U l-famuża ġirja, u tfal fuq spallejn missirijiethom jgħollu l-figolla kif jasal ħdejhom l-Irxoxt, u jitolbuh biex "Kristu Rxoxta Berikhieli". U Bugeja & Co. quddiem sejrin itambru.

L-Irxoxt kien dari joħroġ kmieni u wara li jidħol kienet titqaddes il-quddiesa. U naslu għall-Erbgħa ta' wara l-Irxoxt - San Girgor. U allura nerġgħu għar-rutina, uħud imorru San Girgor, dari sempliċiment mawra sa Marsaxlokk - min kien jista'.

Kien hemm żmien meta kien ikun hemm il-Marching Out, mixja ma' 'tal-Każin', sar-



*Il-ġirja tradizzjonali ta' l-Irxoxt*

Ramla ta' San Tumas, u filgħaxija, dejjem bil-mixi, kienu jiġu lura bil-palm f'idejhom, u folla nies tilqagħhom ix-Xgħajra. Kienu qaluli li sal-1921, din kienet għadha ssir.

Bħan-nies tal-Kottonera, il-Bormliżi kienu jħobbu jgawdu l-festi tal-ġirien tagħhom, u kienu jibdew mill-festa ta' San Ġużepp fil-Kalkara: kont tara serbut nies niżlin kemm lejlet il-festa u kemm f'nharha. L-istess kienu jmorru għall-festa ta' l-Isla, u ż-żewġ festi tal-Birgu - San Lawrenz u San Duminku, u l-oħrajn kienu jirreċiprokaw.

Dejjem għaddej, naturalment, kien l-interess fil-futbol, meta kemm it-team tal-First Division u kemm il-Little St George's bħal kull team ieħor kienu daqqa jgħaddu minn fażi tajba u daqqa forsi inqas. Kien hemm epoka meta bdew saħansitra jġibu plejers barranin, bħal Sepocz, Frisch, Taggart u tant oħrajn fi żmien meta l-futbol Malti kien għaddej minn fażi sabiħa. U l-partitarji kienu jmorru l-ground bi ħġarhom. Meta kien jasal Settembru, erħilhom il-partitarji, jitilgħu lejn il-Foss Tal-Balla, l-iżjed meta l-każin kien ġieb lil Leo Drucker bħala player-coach, jarawh jittrenjahom.

U naslu għall-Milied: is-suq jibda minn ġranet qabel jurik lil kulħadd jarma: il-posti, Wiġi ta' Dun Marju, li kien jarma tilar ħdejn tilar bil-frott u ikel tal-Milied, kien jibda mit-taraġ li jagħti għal San Pawl, mat-triq, bil-*messmen* jixtru ħalli jieħdu abbord minn kollox.

Dak iż–żmien, sa nofs il-lejl ta' l-24 ta' Diċembru kien vġili, u allura kont trid tkun sajjem biex titqarben fil-quddiesa ta' nofs il-lejl. Allura, l-istess, il-ħwienet tax-xorb kienu jagħlqu, kulħadd għall-quddiesa ta' nofs il-lejl, u wara ikla iklun, li jkun qed ilestilhom tal-ħanut, majjal fil-forn, patata u naturalment xarba nobis.

Bormla qabel il-gwerra kien hemm ċerti landmarks ħalli nsejħulhom hekk, bħal ngħidu aħna id-dolċiera li semmejna, Wenzu tal-Lewż għal ħanut sabiħ tax-xorb, Pavia għaż-żebgħa u ironmongery, Wiġi tal-Laħam, Ċensu Cannavò u ħuh barbiera li l-ħanut tagħhom aktar kien każin milli ħanut, Masu Hicks, li kien darba jilgħab il-futbol mas-St George's u kien jittrikkja *full backs* Ingliżi tliet darbiet daqsu, l-aħwa 'tal-Filju', għall-gazzetti Anġlu Portelli, Tal-Grada, li kien ikollu nbid mill-btieti u jgħidlek jekk tridu Spanjol, ta' Ċipru, ta' Sqallija jew ta'... min jaf fejn aktar.

Jissemma kien iż-Żebbuġi, grocer, u maġembu, imsemmi kien hemm Ġakki ta' Ġwann bis-salami, Caruana tal-ħwejjeġ u tant u tant oħrajn li jaħfruli jekk insejthom.

Kien żmien ieħor, u għandu jkunu kulħadd kien kuntent u jieħu gost b'kollox. Imma n-nostalġija qarrieqa, tfakkrek fis-sabiħ biss? Hekk għandu jkun! Għax dik ix-xena qed inġibha quddiem għajnejja qisni qed nara film. Film li ferm jogħġobni!

## Ta' min isemmi...

Minn **The Malta Times** tas-16 ta' Ġunju, 1899: (Reklam) Windsor Castle Aerated Water Factory. Finest Materials, purest waters and lowest of prices. Messrs Micallef & Balzan, 153, Strada San Paolo, Cospicua.

Angelo Dalli, Professor of mandoline (sic); flute and guitar, 19, Strada San Giorgio, Cospicua. Orders may be left with E. Farrugia, 276, Strada Reale, Valletta.

(5 ta' Jannar, 1900)

**Daily Malta Chronicle** (Awissu, 1900)

Ninsabu ferħanin li sirna nafu li s-Sur Agostino Levanzin, B.A., spiżjar f'Bormla, 18, Strada Santa Margherita, qrib il-Barracks ta' Verdala, fetaħ fl-Economical Dispensary and Surgery, Dipartiment tad-Dentistrija ġdid, mgħammar bl-apparat modern kollu, fejn snien mhux biss jiġu maqlugħa u mnaddfin b'metodi mingħajr uġigħ, imma wkoll, snien artifiċjali jiġu magħmula fid-deheb, platinu u *vulcanite* bi prezzijiet tassew moderati. Kamra privata għall-operazzjonijiet u konsulti. Attendenza kuljum wara nofsinhar barra l-Ħadd. *(Traduzzjoni mill-Ingliż)*

(*Mir-rubrika 'A Century Ago'* ta' *The Times*)




*Refreshments and snacks at the touch of a button.*

**VERTEX VENDING SERVICES LTD**

42B, Carmel Street, Fgura PLA 13
Tel: 667059/0949 5326
Fax: 667060

*Suppliers of coin operated vending machines and related services*

**JUVE TAILORING**

**GĦAL ĦJATA MODERNA U XOGĦOL TAJJEB.**
**ISSIBU WKOLL DRAPPIJIET FINI**
**TAL-WOOL WORSTED U TERRYLENE.**

52, St Francis Street, Cospicua
(Fuq San Pawl)